# IL-JIEN

*Il-Jien kumpless*
*bniedem tal-lum, tal-bieraħ, t'għada –*
*eternità.*
*Kont tfajjel ngħix f'kastell ivorju,*
*moħħ bla ħjiena... f'għajnejk perfett.*
*Fittixtek fil-widien, f'Artalek*
*w is-sigħat għaddejt xewqan għal kliemek ħlejju*
*u kibret fija x-xewqa li nsir nafek.*

*Għarrixt u rajt il-Jien tal-bieraħ...*
*xfafar misnuna ċarrtu għeruq ruħi*
*u daħk satiriku faqqa' sħiħ f'widnejja,*
*daħk ta' mitt elf ġrajja ħanja.*
*Rajt kliemek jitħabbel fl-għanqbut tas-sekli;*
*rajt imħabba, faraġ, ħaqq –*
*xfafar jaqtgħu, nar qerried, mewt ħarxa.*

*Min stqarrek, ittradiek b'imħabba elf darba,*
*mitt Ġuda bil-bews biegħek...*
*Il-Jien hu paradoss, kontradizzjoni.*

*Għaliex ma ħallejtnix moħħ ta' tarbija*
*biex kollox sabiħ jibqa' f'dawl għajnejja?*

*Il-Jien tal-lum...*
*hemm f'wiċċek imbenġel, Kristu mislub,*
*nilmaħ l-umanità fil-wied issofri;*
*fik Alla-Bniedem il-ħażen jixxejjen,*
*jitpatta mill-bniedem bit-tbatija.*
*Hekk f'posthom jaqgħu ġrajjiet il-ħajja:*
*fil-ġmiel, fil-kruha; fil-ferħ, fin-niket.*
*Għalik iż-żmien m'hu xejn: f'għajnejk il-perfezzjoni –*
*ħajja f'evoluzzjoni, metamorfosi;*
*ħajja riesqa minn stat għal ieħor għola,*
*ġlieda fil-ħsieb bejn il-ħażin wit-tajjeb;*
*fid-dlam, fid-dawl*
*riesqa tul triq imwiegħra*
*lejk, l-Omega, it-tmiem.*

*Il-paradoss jinħall... fix-xjenza*
*li l-Jien tal-bieraħ stmerr, fl-istess natura:*
*ilmiet l-ibħra – is-sħab tas-sema,*
*is-silġ fuq il-muntanji;*
*il-lava taħraq – l-art għammiela t'għada;*
*is-sajjetta qerrieda – manna mis-smewwiet;*
*il-mewt – il-ħajja, ċirku mingħajr tmiem...*
*hekk il-Jien t'għada.*

*Il-Jien kumpless...*
*il-bieraħ, illum, għada:*
*kosmonawt riesaq lejk f'eternità*
*bla qatt ma jilħqek.*
*Int Kristu glorjuż,*
*qawwa dinamika li tgħolli r-razz*
*fl-ispazju fil-ġirja lejk: l-Omega.*

*Illum m'għadnix nixtieq li bqajt tarbija;*
*inħossni aktar miexi lejk, insib aktar Sbuħija.*

22.i.73 T. CINI